

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 266/2022**  
**tat-23 ta' Settembru 2022**  
**li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/795]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/252 tal-21 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1167 biex tispeċifika r-rekwiżiti tal-ittestjar li għandhom jiġu applikati għal mutur ġeneratur effiċjenti ta' 48 Volt integrat fil-housing tat-trażmissjoni u kkombinat ma' konvertitur ta' 48 Volt/12-il Volt DC/DC <sup>(1)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 21azd (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1167) tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

“— **32022 D 0252:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/252 tal-21 ta' Frar 2022 (ĠU L 41, 22.2.2022, p. 33).”

*Artikolu 2*

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/252 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkunu awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Settembru 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE \*.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2022.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*  
*Il-President*  
Kristján Andri STEFÁNSSON

<sup>(1)</sup> ĠU L 41, 22.2.2022, p. 33.

<sup>(\*)</sup> Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.